**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Mejju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 143/2016 AF**

**Carmel u Lucia konjugi Zahra**

**vs**

**Tlata Limited (C-16319)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Carmel u Lucia konjugi Zahra li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà konvenuta ghandha taghti lill-atturi s-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), rapprezentanti somma rimanenti dovuta minnhom flimkien ma' imghax dovut a skaletta naxxenti minn skrittura privata iffirmata bejniethom quddiem in-Nutar Mario Bugeja fit-3 ta' Novembru 1998 (kopja tal-ftehim hawn annessa mmarkat Dok. CZ1) u skond konferma tal-istess ftehim (hawn anness mmarkat Dok. CZ2).

Is-socjetà konvenuta giet interpellata biex thallas izda baqghet inadempjenti (kopja ta' ittra legali u risposta ghall-istess –

dokumenti mmarkati Dok. CZ3 u CZ4 rispettivament) u intbaghtet ukoll ittra ufficcjali (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. CZ5) liema ittra giet risposta permezz ta' ittra legali mill-konsulent tas-socjetà konvenuta (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. CZ6).

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) flimkien mal-imghax relattiv a skaletta mid-data tat-tieni ftehim in konnessjoni mad-dokumenti hawn annessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali bin-numru 262/2016 datata 26 ta' Jannar 2016, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet dekoribbli a skaletta mid-data tat-tieni ftehim, kontra s-socjetà konvenuta, li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Tlata Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Fit-tieni lok, u bla ebda pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1998 huwa vvizjat b'*causa illecita* billi jikkostitwixxi self b'uzura. Ghaldaqstant dak il-kuntratt huwa illegali u kontra l-ordni pubblika u ghandu bhala konsegwenza ta' hekk jigi ddikjarat null fl-intier tieghu.

F'kull kaz, izda bla ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat.

Finalment jigi rilevat illi kontra kull etika u sens ta' korrettezza l-atturi pprezentaw, flimkien mar-rikors mahluf taghhom,

korrispondenza legali tas-socjetà esponenti fuq bazi "bla pregudizzju", senjatament "Dok. CZ4" u "Dok. CZ6", u ghaldaqstant dawn ghandhom jigu sfilzati minnufih.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bir-rizerva ghal kwalsiasi azzjoni opportuna fid-dawl tat-tieni u r-raba' eccezzjonijiet fuq sollevati.

Rat is-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar 2017 li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din il-kawża tittratta self brevi manu. L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont ta' €20,000 flimkien mal-imgħax relattiv 'a skaletta', rappreżentanti l-bilanċ rimanenti li huma jgħidu li huwa dovut lilhom skont skrittura privata ta' self datata 3 ta' Novembru 1998.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi kienu silfu lil Paul Falzon għan-nom tas-soċjetà konvenuta s-somma ta' Lm12,000, illum €27,952.48, restitwibbli fi żmien ħames snin bl-imgħax ta' 10% a skaletta. Il-ftehim bejn il-partijiet ġie inkorporat fi skrittura datata 3 ta' Novembru 1998 redatta minn nutar pubbliku.

Mal-affidavit tiegħu l-attur esebixxa kopja ta' skrittura preċedenti datata 26 ta' Jannar 1996 minn fejn jirriżulta li f'dik id-data huwa kien silef lil Paul Falzon, dik id-darba f'ismu personali, is-somma ta' Lm4400, illum €10,249.24. L-attur jgħid illi f'dak il-każ, il-kapital kien ta' Lm4000 filwaqt illi Lm400 ġiet miżjuda min nutar bħala imgħax.

Fis-6 ta' Awissu 2012, l-attur u Paul Falzon, dan tal-aħħar għal darb'oħra għan-nom tas-soċjetà konvenuta, iffirmaw skrittura li permezz tagħha l-attur iddikjara li kien qiegħed jirċievi mingħand Falzon l-ammont ta' €5,000 konsistenti f'*vouchers* għal konkos ta' Rite Mix (Gatt Bros) Ltd, bħala parti mill-pagament dovut lilu li skont din l-iskrittura, kien jammonta għal €40,000. Peress illi l-attur kien tħallas mingħand il-konvenuta l-ekwivalenti ta' €15,000 f'konkos permezz ta' *voucher* ieħor preċedenti, fl-istess skrittura ġie ddikjarat illi l-bilanċ rimanenti dovut lill-attur kien ta' €20,000. Wara s-6 ta' Awissu 2012 ma sar l-ebda ħlas ieħor mill-konvenuta.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, is-soċjeta konvenuta teċċepixxi li l-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1998 huwa vvizjat b'causa illeċita in kwantu li jikkostitwixxi self bl-użura. Skont il-konvenuta allura, il-kuntratt huwa illegali u jmur kontra l-ordni pubblika u għandu bħala konsegwenza jiġi ddikjarat null fl-intier tiegħu.

In linea ta' prinċipju ta' dritt, l-artikolu 982(2) tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

> *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed."*

L-artikolu 1852 imbagħad jiddisponi li:

> *"(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.*
>
> *(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*
>
> *(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital."*

L-artikolu sussegwenti jkompli hekk:

> *"Kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, jista'*

*jitħassar; u f'dan il-każ, jekk il-ħwejjeġ mislufa ma jistgħux jiġu mogħtija lura, il-kreditur jista' jitlob biss il-ħlas tal-valur tagħhom fiż-żmien li hu kkunsinnahom lid-debitur."*

Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott:

*"F'kazijiet bhal dan il-Qorti trid toqghod ferm attenta illi minn naha ma thassarx ftehim, meta dan invece messu jibqa' fis-sehh, u minn naha l-ohra ma zzommx haj ftehim fejn dan jirrizulta vizzjat ghal xi raguni valida fil-ligi."*

Dwar is-self bl-użura, fil-każ fl-ismijiet Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe tal-15 ta' Novembru 1985, il-Qorti tal-Kummerċ qalet hekk:

*"Il-Liġi tagħna tpoġġi limiti għal kemm wieħed jista' jżomm imgħax u tippreskrivi li kull imgħax miftiehem f'iżjed mill-massimu ammess minnha għandu jiġi mnaqqas sal-limiti stabbiliti. Mhux biss, iżda 'kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-disposizzjoni imsemmija, jista jitħassar (is subject to rescission)' (artikolu 1948 u 1949 tal-Kodiċi Ċivili). Band'oħra ta' l-istess liġi (artikolu 1185) jingħad 'expressis verbis' li l-imgħaxijiet fuq imgħaxijiet (l'hekk imsejħa 'imgħaxijiet komposti') ma jistgħux jintalbu ħlief wara li jkunu skaduti u mill-ġurnata ta' talba ġjudizzjarja jew b'konvenzjoni posterjuri, purke, sija fl-ewwel każ kemm fit-tieni ipotesi, l-imgħaxijiet ikunu dovuti għal żmien ta' mhux anqas minn sena;*

*Il-leġislatur patriju kien dejjem ġelus li jirreprima l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, għal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jiġifieri inesistenti billi illeċita għax projbita mill-liġi (ara fost oħrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32.I.263, 39.I.366 u 45.I.127). L-usura, hi materja 'che appertiene all'ordine pubblico' tant li, anke jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li għalina hu usura, jekk tiġi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni għall-usura (Vol.30.II.288).*

*Saħansitra fl-azzjoni kambjarja fejn b'liġi espressa (artikolu 253 u 255 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) mhi permessa ebda eċċezzjoni kontra l-ħlas ta' l-import li jidher fuq wiċċ il-kambjala, il-Qrati dejjem daħlu biex jindagaw, meta jiġu hekk mitluba, jekk il-kambjala kinitx 'imċappsa bl-usura' (Vol. 31.I.507)."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Guzeppi Axisa et vs Mark Belli et tal-24 ta' April 2007 irriteniet li:

*"Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa fungibbli li sejra tintuża mid-debitur. F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;*

*Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu. Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;*

*Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex. Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li <u>tista'</u> titħassar, bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja."*

Hekk ukoll fil-każ ta' Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2017 intqal li:

> *"L-użura però, ma twassalx għan-nullità tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla <u>għal dak li hu żejjed</u>". Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk <u>jiġi mnaqqas</u> sal-limiti" ta' 8%.*
>
> *Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax. F'dan il-każ, l-obbligazzjoni infisha għandha causa ġusta – self biex tinxtara proprjetà – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imgħax hija nulla biss għal dak li hu żejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-liġi."*

Mhux kontestat illi l-imgħax miftiehem huwa oghla minn dak li tippermetti l-liġi. Huwa irrelevanti jekk il-partijiet kienux konsapevoli jew le li din ir-rata ta' imgħax mhijiex permessa mil-liġi. Dan ma jfissirx illi l-iskrittura ta' self hija nulla għaliex vizzjata b'causa illeċita, imma li l-obligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax hija nulla għal dak li jmur oltre mir-rata ta' 8 fil-mija li hija l-oghla rata permessibbli skont il-liġi. Kwalunkwe ħlas żejjed li għamlet il-konvenuta in linea ta' imgħax għandu allura jitnaqqas mill-kapital.

Is-soċjetà konvenuta imbagħad teċċepixxi li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan għaliex tikkontendi li mhuwiex dovut lill-atturi l-ammont mitlub.

Kif diġà ntqal, jirriżulta li permezz ta’ skrittura datata 4 ta’ Novembru 1998 l-attur silef lill-konvenuta Lm12,000, ekwivalenti għal €27,952.48. Skont ir-rikors promotur, l-attur jibbaża t-talba tiegħu fuq l-imsemmija skrittura ta’ self kif ukoll l-iskrittura tas-6 ta’ Awwissu 2012 li permezz tagħha l-partijiet ftehmu li l-konvenuta kien għad baqalha tħallas is-somma ta’ €20,000 mis-somma komplessiva ta’ €40,000.

Fl-affidavit tiegħu, l-attur isemmi għall-ewwel darba self ieħor preċedenti fejn kien silef lil Paul Falzon is-somma ta’ Lm4400, illum €10,249.24, skont skrittura datata 26 ta’ Jannar 1996. Peress illi jgħid illi Lm400 minnhom kienu imgħax miżjuda fl-iskrittura minn nutar, l-attur ikompli billi jispjega li b’kollox kien silef lil konvenuta s-somma ta’ Lm16,000, illum €37,269.97 u li l-figura ta’ €40,000 msemmija fl-iskrittura tas-6 ta’ Awwissu 2012 waslet għaliha bint Paul Falzon, impjegata mas-soċjetà konvenuta bħala *accounts clerk*, li allegatament għamlet *rounding up* tal-ammont komplessiv dovut.

Da parti tiegħu, Paul Falzon jinsisti li mhuwiex dovut €20,000 lill-atturi. Għar-rigward tal-Lm4400 mislufa qabel, huwa jgħid illi dawn kienu tħallsu. Referibbilment għas-somma ta’ Lm12,000, mislufa skont l-iskrittura tal-4 ta’ Novembru 1998, huwa jikkontendi li bejn is-snin 1999 u 2007 ħallas lill-attur Lm1200 fis-sena bħala imgħax. Iżid jgħid illi fis-sena 2008 l-attur ma kienx avviċinah għal imgħax, imbagħad bejn April tas-sena 2009 u April tas-sena 2012 huwa ħallas lill-attur €12,579 permezz ta’ diversi cheques, li kopja tagħhom ġew esebiti minnu fl-atti tal-kawża. Huwa esebixxa wkoll prospett magħmul minn bintu Chantelle Falzon minn fejn jirriżulta li wara li jitnaqqas l-imgħax imħallas żejjed matul is-snin kif ukoll il-ħlas li sar permezz tad-diversi cheques esebiti, mill-ammont misluf mertu tal-iskrittura tal-4 ta’ Novembru 1998, il-konvenuta għad jonqosha tħallas biss €963.98.

Ix-xhieda tal-attur tibda tieħu xejra aktar dgħajfa meta jsirlu l-kontroeżami f'okkazjonijiet separati fejn jibdew joħorgu numru ta' inkonsistenzi fosthom:

i. Ma għamel l-ebda riferenza għal pagamenti li għamel Paul Falzon matul is-snin qabel ma ġie mistoqsi dwarhom in

kontroeżami, fejn ikkonferma li huwa kien irċieva c-*cheques* kollha esebiti u l-imgħax bl-10 fil-mija kull sena;

ii. Filwaqt illi jikkonferma li Paul Falzon kien iħallsu l-imgħax, jinsisti li Falzon kien iħallsu Lm1600 fis-sena imgħax, u mhux Lm1200. Dan għaliex skont hu dan kien l-imgħax dovut fuq is-somma komplessiva mislufa ta' Lm16,000. Madanakollu, l-uniku cheque li setgħet tintraċċa Chantelle Falzon, li jmur lura għas-sena 2006, huwa ta' Lm1200;

iii. Il-verżjoni tal-attur dwar kemm kien iħallas imgħax Falzon mhijiex kredibbli wkoll għaliex kien huwa stess li qal li l-imgħax dovut fuq is-somma ta' Lm4000 kien ta' Lm400 li allegatament żiedhom in-nutar mal-kapital fl-iskrittura;

iv. Fl-affidavit tiegħu jgħid illi Chantelle Falzon kienet għamlet *rounding up* tal-ammont dovut biex b'hekk ġie miftiehem li l-ammont komplessiv oriġinarjament dovut kien ta' €40,000 imma in kontro eżami jibdel il-verżjoni u jgħid illi l-€40,000 huwa wasal għalihom billi żied parti mill-imgħax dovut għas-sena 2012.

Il-Qorti hija mħassba wkoll dwar kif l-iskrittura ta' self preċedenti, u ċioè dik tas-26 ta' Jannar 1996 ssemmiet mill-attur biss meta l-konvenuta kkontestat l-ammont mitlub. B'żieda ma dan, kif sewwa tissottometti l-konvenuta, l-bażi tal-azzjoni proposta mill-atturi mhuwiex dan is-self preċedenti li l-attur isemmi għall-ewwel darba fl-affidavit tiegħu. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li f'dik l-okkażjoni s-self sar lil Paul Falzon personalment u mhux lis-soċjetà konvenuta u allura lanqas huwa sostenibbli l-argument tal-attur illi s-somma mertu tal-iskrittura tal-1996 hija dovuta mingħand il-konvenuta. Kollox ma kollox, il-Qorti ssib li s-self li sar skont l-iskrittura tas-26 ta' Jannar 1996 mhuwiex rilevanti għal fini ta' din il-kawża.

Minkejja li fl-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2012 Paul Falzon iddikjara li għad jonqsu jħallas €20,000 lill-attur, ġjaladarba l-bażi tal-obbligazzjoni skont ma ġie dikjarat mill-attur stess huwa l-kuntratt ta' self tal-4 ta' Novembru 1998, l-attur ma jistax loġikament jistrieħ unikament fuq il-firma ta' Paul Falzon

sabiex isejjes il-pretensjonijiet tiegħu. Huwa veru li *pacta sunt servanda* imma dan il-prinċipju jrid jiġi kkunsidrat fid-dawl tar-regola daqstant importanti li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fidi u '*u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi*' (artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tirrileva wkoll illi sorprendentement l-attur naqas milli jżomm jew jesebixxi xi tip ta' rendikont jew *ledger* dwar is-self ta' flus li għamel lill-konvenuta u lil Paul Falzon personalment u dwar il-ħlasijiet li kien jirċievi. Il-Qorti għandha biss il-kelma tal-attur fir-rigward, li kif diġà ntqal ma tantx hija kredibbli, mentri li kieku ġie prodott xi *ledger* jew rendikont li jindika l-ħlasijiet magħmula minn Paul Falzon u kif l-attur wasal għall-bilanċ ta' €20,000, dan kien iservi bħala l-aħjar prova fir-rigward. Fl-assenza ta' din ix-xorta ta' prova, il-Qorti tista' biss tasal għall-konklużonijiet li jidhrilha li huma verosimili fiċ-ċirkostanzi.

Tenut kont ta' dan kollu il-Qorti qiegħda taqbel mal-prospett esebit mill-konvenuta. Fl-ewwel lok, skont kif maħdum fl-imsemmi prospett, mill-kapital dovut lill-atturi jrid jitnaqqas l-imgħax imħallas żejjed bejn l-1999 u l-2007, liema imgħax l-attur jikkonċedi li rċieva mingħand Paul Falzon. Fit-tieni lok, il-Qorti ssib illi l-ħlas magħmul minn Paul Falzon permezz tad-diversi cheques eżebiti minnu għandhom jitnaqqsu mill-kapital mertu tal-iskrittura tal-4 ta' Novembru 1998, ma' liema kapital m'għandu jiżdied xejn aktar u ċertament illi m'għandu jsir l-ebda *rounding up* mingħajr bażi.

Finalment, il-Qorti tirrileva li r-raba u l-aħħar eċċezzjoni hija sorvolata in kwantu li fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2016 din il-Qorti ordnat illi jiġu sfilzati d-dokumenti mmarkati bħala 'Dok. CZ4' u 'Dok CZ6' mar-rikors ġuramentat.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talba tal-atturi limitatment billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' disgħa mija tlieta u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€963.98) bl-imgħax mis-6 ta' Awissu 2012.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal tnejn minn tlieta (2/3) mill-atturi u wieħed minn tlieta (1/3) mis-soċjetà konvenuta b'dan illi l-ispejjeż tad-deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2017 għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG